**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 16 ta' Jannar 2025**

**Kawża Numru: 5**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 122/2024 JVC**

**Nadia A. Altasa *sive* Nadia A. Altasha (KI 0022116L)**

**vs**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Nadia A. Altasa sive Nadia A. Altasha talbet kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti izzewget lil Farag Salem Mohamed Alshoshi f'Sultangazi, it-Turkija, nhar is-16 ta' Jannar 2020 u dan iz-zwieg gie registrat f'Malta permezz tac-**certifikat taz-zwieg numru 262/2020** ("Dok A");

2. Illi fl-imsemmi certifikat, il-kunjom tal-esponenti huwa miktub "Altasa" meta fil-fatt, dan jinkiteb "Altasha";

3. Illi huwa evidenti li l-ufficjal li rcieva n-notifika taz-zwieg tar-rikorrenti ha zball ossija *lapsus calami* meta kkopja l-kunjom u dan ghaliex bosta registrazzjonijiet ohrajn tal-esponent f'Malta, inkluz il-passaport taghha ("Dok B") u l-karta tal-identita` taghha ("Dok C") juru l-ortografija korretta;

4. Illi fil-hajja personali u ta' kuljum taghha, gustament, ir-rikorrenti hija maghrufa b'kunjomha bl-ortografika "Altasha" u dan huwa l-isem li l-esponenti tuza ghaliha nnifisha u li bih hija konsistentement maghrufa skont kif trid il-ligi;

5. Illi l-interess tal-esponenti fil-korrezzjoni necessarja huwa wiehed naturali, car u manifest.

**Ghaldaqstant, l-esponenti, *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jintalab bir-rispett illi wara d-debita publikazzjoni tal-avviz fil-Gazetta tal-Gvern u prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:**

1. **Tiddikjara u tordna illi "Nadia A. Altasha" huwa l-isem li l-esponenti tuza ghaliha u li bih hija konsistentement imsejha;**

2. **Konsegwentement, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi ic-certifikat taz-zwieg numru 262/2020 u kull certifikat iehor jew dokument verjuri relattiv ghar-rikorrenti biex b'hekk l-isem "Nadia A. Altasa" jigi mnehhi u sostitwit b'dak "Nadia A. Altasha".**

**Bl-ispejjez kontra d-Direttur intimat li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.'**

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi fl-ewwel lok, ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi fil-mertu, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors ġuramentat. Mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tiegħu jirriżulta s-segwenti:

   i. Skont l-**Att tat-Twelid** ta' bint l-attriċi bin-numru **2773/2003**, jidher illi l-attriċi ġiet indikata bħala l-omm bl-isem 'Nadia' u bil-kunjom **'Al Tasha nee' Al Tasha'**, u dana skont kif iddikjarat l-istess attriċi stess fuq l-Att tat-Twelid ta' bintha fil-mument tar-reġistrazzjoni (sive **Dok. DRP 1**);

   ii. Skont l-**Att tat-Twelid** bin-numru **221/2016**, jidher illi l-attriċi twieldet ġewwa l-Libja nhar il-21 ta' Jannar 1966 lil 'Abou-Ageila ALTASHA' u 'Amna MADI' u ngħatat l-isem 'Nadia A.' u l-kunjom 'ALTASHA' (sive **Dok. DRP 2**). Ir-reġistrazzjoni tal-Att tat-Twelid tal-attriċi ġie reġistrat ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta fejn l-esponent kien obbligat jirreplika l-Att tat-Twelid esteru u t-traduzzjoni tiegħu għal-lingwa Ingliża *ad verbatim* (sive **Dok. DRP 3**). Di piu', jirriżulta illi l-partikolaritajiet inkluż il-kunjom 'ALTASHA' ġew konfermati fuq it-talba bil-miktub

għar-reġistrazzjoni tat-twelid kif ukoll fuq il-konferma bil-miktub taċ-ċittadinanza Maltija (sive **Dok. DRP 4**), għalhekk żgur li ma jistax jingħad li sar xi żball mid-Direttur meta kien qiegħed jiġi reġistrat l-Att tat-Twelid suċitat;

iii. Skont l-**Att taż-Żwieġ** bin-numru **262/2020**, l-attriċi ġiet imnizzla bl-isem 'Nadia' u bil-kunjom 'ALTASA' (sive **Dok. DRP 5**). Skont l-istess Att taż-Żwieġ iż-żewġ konjuġi jidher li wara ż-żwieġ ħadu kunjom ir-raġel ossia 'ALSHOSHI'. Ir-reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ saret ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta fejn l-esponent Direttur kien obbligat jirreplika d-dettalji *ad verbatim* kif indikati fuq l-Att taż-Żwieġ esteru, liema Att Tork jindika kunjom xbubit l-attriċi bħala 'ALTASA' u l-kunjom li hija addotat wara ż-żwieġ bħala 'ALSHOSHI' (sive **Dok. DRP 6**). Tali partikolaritajiet ġew konfermati ukoll mill-esponent fid-dokumenti a poteri tiegħu rigward iċ-ċittadinanza li għal kull buon fini qegħdin ukoll jiġu annessi ma' din r-risposta bħala **Dok. DRP 7**. Għalhekk lanqas f'dan il-każ ma jidher li sar xi żball mill-esponent Direttur meta kien qiegħed jiġi reġistrat l-Att taż-Żwieġ esteru;

iv. Illi in oltre, permezz ta' sentenza datata 12 t'Ottubru 2023 fl-ismijiet *97/2021 AGV Nadia Alshoschi nee Altasa vs Faragn Salem Mohammed Alshoshi* (Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja), l-Qorti filwaqt illi laqgħet it-talba għas-separazzjoni personali tal-konjugi Alshoshi, laqgħet ukoll it-tmien talba b'dan illi l-attriċi rrivertiet għal kunjom xbubitha, 'Altasa'. Illi l-esponent ottempora ruħu ma' din is-sentenza u dan kif rifless fl-Att taż-Żwieġ nru. 262/2020.

3. Illi rigward **l-ewwel talba**, nirrimettu ruħna salv illi l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

4. Illi rigward **it-tieni talba**, għandha tintalab korrezzjoni stante illi fuq l-Att taż-Żwieġ numru 262/2020, isem u kunjom l-attriċi huwa ndikat bħala 'Nadia ALTASA' u mhux bħala 'Nadia A. ALTASA'. L-esponent ukoll jirrileva illi kull korrezzjoni ssir permezz t'annotazzjoni fil-marġini u dan ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi sa fejn qiegħed jiġi attribwit xi ħtija lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, l-esponent jikkontesta dan bis-sħiħ. Fl-ewwel lok jidher illi l-Att tat-Twelid (Dok. DRP 2) tal-attriċi huwa rreġistrat bl-isem u l-kunjom li trid hi permezz ta' din il-kawża ossia 'Nadia A. ALTASHA'. Fir-rigward tal-Att taż-Żwieġ, kif ġie ampjament spjegat, id-dettalji li daħlu fl-Att taż-Żwieġ f'Malta kien jirreplika dawk id-dettalji li jinsabu fl-Att taż-Żwieġ Tork u għalhekk ma sar ebda żball mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

6. Illi wkoll dwar it-tieni talba, r-rikorrenti għandha tispeċifika liema huma l-Atti tal-Istat Ċivili li trid korrezzjoni fuqhom apparti l-Att taż-Żwieġ bin-numru 262/2020 kif speċifikat fit-tieni talba u speċifikament jekk it-tibdil tridx li jiġi estiż ukoll għal l-Att tat-Twelid ta' bint l-attriċi bin-numru 2773/2003 (Dok. DRP 1)

7. Illi finalment għar-raġunijiet fuq spjegati d-Direttur intimat jissottometti li l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u **għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;**

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li minn issa ngunta in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 7 tal-proċess b'dana li l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat ġiet sorvolata.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors ġuramentat illi salv għaċ-ċertifikat taż-żwieġ turi kunjom ir-rikorrenti miktub "Altasha" inkluż passaport Malti a fol. 4 tal-proċess u l-karta tal-identita' maltija a fol. 5 tal-proċess.

Rat id-dokumentazzjoni wkoll esebita mid-Direttur intimat illi tevidenzja li l-iżball fil-kitba tal-kunjom ma sarx konsegwenza ta' xi tort tal-istess Direttur tar-Reġistru Pubbliku, iżda għar-raġuni illi l-kunjom inkiteb hekk fil-proċeduri tas-separazzjoni tal-istess rikorrenti.

Illi għaldaqstant filwaqt illi t-talbiet tar-rikorrenti jidhru ġustifikati ma jirriżultax illi l-ispejjeż għandhom jiġu allokati lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat rimanenti sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara u tordna illi "Nadia A. Altasha" huwa l-isem li l-esponenti tuża għaliha u li bih hija konsistentement imsejħa;

3. Tilqa' t-tieni talba w tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jikkoreġi iċ-ċertifikat taż-żwieġ numru 262/2020 u kull ċertifikat ieħor jew dokument verjuri relattiv għar-rikorrenti biex b'hekk l-isem "Nadia A. Altasa" jiġi mneħħi u sostitwit b'dak "Nadia A. Altasha";

4. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jiġi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**16 ta' Jannar 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**16 ta' Jannar 2025**